**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA Tal-10 ta' Mejju, 2002.**

**Citazzjoni numru 430/02**

**HSBC Bank Malta olc**

**Vs.**

**Joseph Grima u martu Theresa Grima**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha il-Bank attur wara li ppremetta:-

Illi l-konvenuti Joseph u Theresa mizzewgin Grima solidalment bejniethom huma debituri lejn il-Bank attur fis-somma ta' tliet elef tmien mija u tmienja u sittin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm3868.82,0) dovuti lill-istess Bank in kwantu ta' Lm3522.90,0 self (Loan Account Numru 064-013451-300) u l-bilanc ta' Lm345.92,0 imghax kalkolat bit-tmienja fil-mija fis-sena (8%) fuq l-istess ammont sat-3 ta' Dicembru, 2001 kif jidher mill-istatement hawn anness Dok. A;

Illi l-istess konvenuti Joseph u Theresa mizzewgin Grima solidalment bejniethom huma wkoll debituri tal-Bank attur, il-konvenut Joseph Grima bhala debitur principali u l-konvenuta Theresa Grima bhala garanti solidali

fl-ammont ta' tliet elef sitt mija u tnejn u sittin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm3662.97,0) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghall-Lm3335.46,0 ghal-self (Loan Account Numru 064-005036-300) u l-bilanc ta' Lm327.51,0 imghax kalkolat bit-tmienja fil-mija fis-sena (8%) fuq l-istess ammont sat-3 ta' Dicembru, 2001 kif jidher mill-istatement hawn annes Dok. B;

Illi l-istess konvenuti Joseph u Theresa mizzewgin Grima solidalment bejniethom huma wkoll debituri tal-Bank attur, il-konvenut Joseph Grima bhala debitur principali u l-konvenuta Theresa Grima bhala garanti solidali fl-ammont ta' sittax-il elf  u sbatax il-lira u ghaxar centezmi Lm16,017.10,0) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal-LM13,913.00,0) bilanc fil-kont kurrenti (Overdraft Account Numru 064-005036-340) u l-bilanc ta' Lm2104.l0,0 imghax kalkolat bit-tmienja fil-mija fis-sena (8%) fuq l-istess ammont sat-3 ta' Dicembru, 2001 kif jidher mill-istatement hawn anness Dok. C;

Illi l-imsemmija garanzija solidali ta' Theresa Grima jirrizultaw mill-annessi dokumenti D, E u F;

Illi ghalhekk il-konvenuti Joseph u Theresa mizzewgin Grima huma debituri solidament bejniethom lejn il-Bank attur fis-somma komplessiva ta' tlieta u ghoxrin elf hames mija u tmienja u erbghin lira u disgha u tmenin

centezmu (Lm23,548.89,0) dovuti in kwantu ghal-Lm20,771.36,0 kapital u l-bilanc ta' Lm2777.53,0 imghax bit-8% fis-sena fuq l-istess kapital sat-3 ta' Dicembru, 2001 kif qabel spjegat, oltre l-imghax ulterjuri mit-3 ta' Dicembru, 2001 sal-pagament effettiv;

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati ghal-hlas baqghu inadempjenti.

Illi l-kreditu tal-Bank attur fis-somma ta' Lm23,548.89,0 hu cert, likwidu u esigibbli u safejn jaf il-Bank attur, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba tieghu ghal-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit tal-P.L. Jonathan de Maria, ir-rapprezentant tal-Bankl attur, hawn anness Dok. X;

Talab ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi dina l-Qorti m'ghandiex:-

1) taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tal-Bank attur bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli l67-l70 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u
2) tikkundanna minnufih lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-Bank attur is-somma komplessiva ta' Lm23,548.89,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq.

Bl-imghax fuq l-imsemmija somma mit-3 ta' Dicembru, 2001 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut li biha ghan-nom tieghu u ghan-nom ta' martu il-konvenuta Theresa Grima ammetta it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni.

Billi mil-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tal-Bank attur kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenuti.

Imhallef

Dep. Registratur